(b) jokkupaw pożizzjoni ta' Senior Manager, li tkun relatata mat-tħaddim tal-Fondi tal-UE, li l-ħatra tagħhom f'din il-pożizzjoni ġiet ikkonfermata, fuq bażi personali; jew

(b) incumbents in the EU Fund management related position of Senior Manager whose appointment in the position has been confirmed on a personal basis; or

(c) huma impjegati tas-Settur Pubbliku li bħalissa qed jaqdu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew ħaddiema tar-Resource Support and Services Ltd (RSSL) f'livell ta' responsabbiltà komparabbli ma' Skala ta' Salarju mhux inqas minn Skala 8 fis-Servizz Pubbliku, li l-ħatra tagħhom f'din l-iskala ġiet ikkonferamata, u li għandhom kwalifika rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta'

(c) Public Sector employees currently performing duties in the Malta Public Service or Resource Support and Services Ltd (RSSL) employees both at a level of responsibility comparable to not below Scale 8 in the Public Service and whose appointment in such level has been confirmed and who are in possession of a recognised qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits

90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) f'oqsma relatati. Fil-qasam tal-Accountancy u l-ICT, kwalifika professjonali komparabbli tiġi kkunsidrata.

*Kwalifiki ta' Masters rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent ta' Masters mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni jridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/ dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni

or equivalent*). In the areas of Accountancy and ICT, a comparable professional qualification will be considered.

*A recognised Masters qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MFHEA formal Masters recognition statement being submitted with the application.

iv. Public officers applying for this position must be confirmed in their current appointment.

5.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/ department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their

tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MFHEA, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/ jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata fil-qasam tal-immaniġġjar tal-fondi tal-Unjoni Ewropea.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-

application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MFHEA recognition statements in respect of their qualifications from MFHEA, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

**Submission of Supporting Documents**

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

**Selection Procedures**

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.6, have proven relevant work experience.

**Submission of Applications**

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for the Economy, European Funds and Lands, through the Online Government Recruitment Portal only on (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 2nd December, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application.

kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 L-Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-dipartiment/diviżjoni/direttorat huma (https://eufunds.gov.mt) u (recruitment.eufunds@gov.mt).

Il-25 ta' Novembru, 2022

Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

**Other General Provisions**

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details; retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division ((https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf))or may be obtained from the Corporate Services Directorate in the Ministry for the Economy, European Funds and Lands. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, fax number and email address of the receiving department/division/directorate are (https://eufunds.gov.mt) and (recruitment.eufunds@gov.mt).

25th November, 2022

Il-pożizzjoni tista' tkun parzjalment iffinanzjata
mill-Unjoni Ewropea Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
Rata ta' Kofinanzjament: 80% Fondi tal-UE; 20% Fondi Nazzjonali

*Position may be part-financed by the European Union*
*European Structural and Investment Funds 2014-2020*
*Co-financing rate: 80% EU Funds; 20% National Funds*

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

**Sejħa għal Senior Manager Part-time tal-Programmi tal-Kitba, mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu**

*Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 612/2022 (it-tieni sejħa)*

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Senior Manager part-time fuq kuntratt indefinit għall-Programmi tal-Kitba.

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

1. Baċellerat fil-Livell 6 tal-MQF jew ogħla li jwassal għall-professjoni ta' għalliem tal-Ingliż JEW tal-Malti JEW fl-Edukazzjoni Primarja, flimkien mal-pussess tal-Warrant ta' Għalliem; U

2. Tal-anqas ħames (5) snin sħaħ esperjenza ta' xogħol fi rwol li jinvolvi kordinazzjoni fl-edukazzjoni*, U

3. Iċ-ċertifikat tal-programm tal-Institute for Education 'Teaching Writing Skills in the Primary and Secondary Schools (Award)' JEW il-'Malta Writing Programme Invitational Writing Institute', jew ekwivalenti; U

4. Livell għoli fil-kitba u t-taħdit (evidenza tal-anqas f'Livell 4 tal-MQF, jew ogħla) kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż; U

5. Kompetenza għolja f'applikazzjonijiet tat-Teknoloġija tal-Informatika, speċjalment sistemi tal-MS Office, partikolarment Word, Access, Excel, u PowerPoint.

*Jintlaqgħu ukoll applikazzjonijiet mingħand kandidati li jissodisfaw il-kriterji kollha ta' hawn fuq ħlief għat-tieni wieħed, jekk l-applikanti jkollhom minimu ta' għaxar (10) snin sħaħ esperjenza jgħallmu fis-snin bikrin u/jew fis-snin l-oħra tal-primarja.

L-applikanti jridu jissottomettu evidenza tal-esperjenza tax-xogħol tagħhom u tal-inizjattivi fil-litteriżmu, partikolarment attivitajiet tal-kitba ma' tfal u ġenituri/kustodji. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil applikanti bi kwalifiki addizzjonali fit-tagħlim tal-kitba fil-kuntest tal-litteriżmu bilanċjat.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg jistgħu jinkisbu minn (www.education.gov.mt/nla), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' informazzjoni dwar il-kwalifiki u l-esperjenzi

NATIONAL LITERACY AGENCY

**Call for part-time Senior Manager, Writing Programmes, within the National Literacy Agency**

*Jobsplus Permit Number: 612/2022 (second call)*

The National Literacy Agency is seeking to recruit a part-time Senior Manager, on an indefinite contract, Reading for Pleasure and Storytelling Programmes.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A recognised teaching degree at MQF Level 6 or higher in English OR Maltese OR Primary Years, together with possession of the Teacher's Warrant; AND

2. A minimum of 5 full years' work experience in a coordinating role in education*; AND

3. Successful completion of the Institute for Education programme 'Teaching Writing Skills in Primary and Secondary Schools (Award)' OR the 'Malta Writing Programme Invitational Writing Institute', or equivalent; AND

4. High proficiency in spoken and written Maltese and English (at least MQF Level 4 in Maltese and English or equivalent, or higher); AND

5. High competency in ICT applications, especially MS Office systems most notably Word, Access, Excel and PowerPoint.

*Applications from candidates who satisfy all the other criteria except for criterion (2) above, will be considered only if the applicant has a minimum of ten (10) full years of teaching experience.

Applicants must present documented evidence of their working experience and must demonstrate experience in literacy initiatives preferably in writing initiatives with children and parents/caregivers. Due consideration will be given to applicants who have additional qualifications in the teaching of writing within a balanced literacy approach.

A detailed job description, including conditions of employment can be obtained from (www.education.gov.mt/nla), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience

fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta lil: Reklutaġġ, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru, 2022, f'nofsinhar. Applikanti impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jissottomettu wkoll kopja riċenti tal-GP 47 (Service and Leave Record Form).

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-25 ta' Novembru, 2022

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

**Sejħa għal Reading Recovery Resource Leaders (full-time) mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu**

*Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 218/2022 (is-sitt sejħa)*

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Reading Recovery Resource Leaders (full-time).

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

1. Baċellerat f'Livell 6 tal-MQF, jew ogħla, li jwassal għal kwalifika tal-professjoni ta' għalliem, flimkien mal-Warrant ta' Għalliem (mhux temporanju); U

2. Ċertifikat ta' Reading Recovery Teacher, jew ogħla; U

3. Tal-anqas sentejn skolastiċi sħaħ bħala għalliem/a fis-settur primarju; U

4. Ċertifikati fil-Malti u l-Ingliż ta' Livell 3 tal-MQF, ĊES (Grad 1-5), jew ekwivalenti jew ogħla; U

5. Kompetenza fl-użu ta' applikazzjonijiet tat-Teknoloġija tal-Informatika, partikolarment MS Word u internet.

Applikanti li ma jissodisfawx it-tieni kriterju jkunu kkunsidrati jekk jikkommettu ruħhom li jsegwu u jtemmu b'suċċess it-taħriġ rilevanti matul l-ewwel sena tal-impjieg tagħhom. Termini u kundizzjonijiet marbuta mal-iffinanzjar tat-taħriġ japplikaw.

in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post to: Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday, 9th December, 2022, at noon. Applicants employed with the Public Service are to also submit a recent Service and Leave Record Form (GP47).

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within seven days. Late applications will not be considered.

25th November, 2022

NATIONAL LITERACY AGENCY

**Call for Reading Recovery Resource Leaders (full-time) within the National Literacy Agency**

*Jobsplus Permit Number: 218/2022 (sixth call)*

The National Literacy Agency is seeking to recruit Reading Recovery Resource Leaders (full-time).

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A teaching degree at MQF Level 6, or higher, together with the Teacher's Warrant (not temporary); AND

2. Reading Recovery teacher's certificate, or higher; AND

3. At least two full scholastic years' teaching experience in the primary sector; AND

4. MQF Level 3 in Maltese and English, SEC (Grades 1-5), or equivalent, or higher; AND

5. Competency in the use of ICT applications, especially MS Word and internet.

Applicants who do not satisfy eligibility criterion 2, will only be considered if they undertake to follow and successfully complete the relevant training during their first year of employment. Terms and conditions related to the funding of the training apply.

Il-kandidati magħżula mistennija jaħdmu tul dawn is-sigħat ta' xogħol:

Fix-Xitwa: (mill-1 ta' Ottubru sal-15 ta' Ġunju) mis-7.15 a.m. sal-4.30 p.m.; fis-Sajf (mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru) mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg jistgħu jinkisbu minn (www.education.gov.mt/nla) jew permess ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta lil: Reklutaġġ, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru, 2022, f'nofsinhar. Applikanti impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jissottomettu wkoll kopja riċenti tal-GP 47 (Service and Leave Record Form).

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-25 ta' Novembru, 2022

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

**Sejħa għal Tuturi tal-Programm Nwar Part-time mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu**

*Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 660/2022*

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Tuturi tal-programm Nwar part-time.

Sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa, l-applikanti jrid ikollhom dawn ir-rekwiżiti:

1. Kwalifika universitarja rikonoxxuta ta' għalliem/a ta' Livell 6 tal-MQF, jew ekwivalenti jew ogħla JEW Diploma in Facilitating Inclusive Education ta' Livell 5 tal-MQF (60 ECTS/ECVET), jew ekwivalenti, jew ogħla; U

2. Ikunu temmew b'suċċess il-kors tal-IfE Foundations of a Family Literacy Intervention Programme (Award)*. It-tlestija b'suċċess tal-Kors ta' Taħriġ fil-Metodoloġija tal-Programm tal-Litteriżmu Nwar jew tal-kors ta' Taħriġ

Successful candidates are expected to work during the following hours:

Winter: (1st October - 15th June) from 7.15 a.m. till 4.30 p.m.; summer: (16th June to 30th September) from 8.00 a.m. till 2.00 p.m.

A detailed job description, including conditions of employment can be obtained from (www.education.gov.mt/nla), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post to: Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday, 9th December, 2022, at noon. Applicants employed with the Public Service are to also submit a recent Service and Leave Record Form (GP47).

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within seven days. Late applications will not be considered.

25th November, 2022

NATIONAL LITERACY AGENCY

**Call for Part-time Nwar Tutors within the National Literacy Agency**

*Jobsplus Permit Number: 660/2022*

The National Literacy Agency is seeking to recruit part-time Nwar tutors.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A recognised teaching degree at MQF Level 6 or equivalent or higher, OR a Diploma in Facilitating Inclusive Education at MQF Level 5 (60 ECTS/ECVET), or equivalent or higher; AND

2. Successful completion of the IfE Foundations of a Family Literacy Intervention Programme (Award)*. Successful completion of the Nwar Training Course or DQSE Basic Skills Training Certificate or Diploma in Literacy or

għall-Għalliema fit-Tagħlim tal-Ħiliet Bażiċi tad-DQSE jew Diploma fil-Litteriżmu jew ekwivalenti jew ogħla, jiġu aċċettati wkoll, iżda jista' jkun meħtieġ taħriġ ulterjuri; U

3. Minimu ta' tliet (3) snin esperjenza fil-qasam relatat; U

4. Ħakma tajba tal-Malti u l-Ingliż miktuba u mitkellma. Preferibbilment din tkun evidenzjata b'ċertifikati fil-Livell MQF 3 fil-Malti u fl-Ingliż ta' Grad 1-5/A-C, jew ekwivalenti, jew ogħla.

*Applikanti li bħalissa qegħdin isegwu l-kors tal-IfE Foundations of a Family Literacy Intervention Programme (Award) ikunu kkunsidrati wkoll.

Għal aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg jintgħu jinkisbu minn (www.education.gov.mt/nla), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta lil: Reklutaġġ, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru, 2022, f'nofsinhar. Applikanti impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jissottomettu wkoll kopja riċenti tal-GP 47 (Service and Leave Record Form).

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-25 ta' Novembru, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

**Kuntratt għal Servizz – Kordinatur għall-Welcome Course for Families fil-Proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (LLAPSI +)**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil*.

Il-Welcome Course for Families huwa inizjattiva organizzata mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) permezz

equivalent or higher is also accepted, but upskilling may be required; AND

3. A minimum of three (3) full years' experience in the related field; AND

4. Fluency in written and spoken Maltese and English. Preferably this is evidenced by means of MQF Level 3 in Maltese and English (SEC (Grade 1 to 5) or GCE Ordinary Level (Grade A to C)), or equivalent or higher.

* Applications from candidates who are currently enrolled in the IfE Foundations of a Family Literacy Intervention Programme (Award) will also be considered.

A detailed job description, including conditions of employment, can be obtained from (www.education.gov.mt/nla), or by sending an email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by registered post to: Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday, 9th December, 2022, at noon. Applicants employed with the Public Service are to also submit a recent Service and Leave Record Form (GP47).

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged in writing within seven days. Late applications will not be considered.

25th November, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

**Contract for Service – Coordinator for the Welcome Course for Families under the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (LLAPSI +) Project**

*Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender*

The Welcome Course for Families is an initiative organised by the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) through the project

tal-proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01), sabiex joffri appoġġ lil familji Ukreni li għadhom kif jaslu Malta.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed jilqa' applikazzjonijiet minn persuni interessati li joffru s-servizzi tagħhom fuq bażi ta' 'Kuntratt għal-Servizz' bħala Kordinatur għall-Welcome Course for Families fil-proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (MT/2016/AMIF/4.01) – LLAPSI+ li huwa parzjalment iffinanzjat mill-Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF).

L-applikanti jkunu mistennija li jipprovdu sa erbgħin (40) siegħa ta' servizz fix-xahar bejn l-1 ta' Frar, 2023 u l-31 ta' Mejju, 2023. Ir-rimunerazzjoni tkun dik ta' €15.26 (VAT eskluża) fis-siegħa.

Id-dmirijiet ta' Kordinatur għall-Welcome Course for Families jinkludu li:

1. Jifformula u jipproċessa ċirkularijiet, memos, rapporti u reklamar b'konnessjoni mal-kors;

2. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-korsijiet billi jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u l-għalliema tal-kors sabiex jinħolqu l-ħiliet tat-tagħlim tal-kors, ir-riżorsi u l-għodda tal-assessjar meħtieġa;

3. Jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u l-għalliema biex jiġu żviluppati u implimentati metodi effettivi li jimmotivaw u jappoġġjaw lill-istudenti;

4. Jassisti lill-Migrant Learners' Unit f'riċerki, implimentazzjoni u assessjar tal-programm;

5. Jikkontribwixxi fir-reklutaġġ tal-għalliema u x-xiri ta' materjal meħtieġ għall-kors;

6. Jikkordina d-disponibbiltà ta' postijiet, spazji virtwali, għalliema u riżorsi għall-korsijiet;

7. Jikkordina t-taħriġ għall-għalliema;

8. Jippjana, jifformula u jippubblika informazzjoni għall-għalliema, studenti u ġenituri kif meħtieġ;

9. Jikkuntattja lill-għalliema u l-ġenituri/gwardjani tal-istudenti li jattendu l-korsijiet, kif meħtieġ;

10. Jikkordina mal-iskejjel u entitajiet oħra rigward l-andament tal-kors;

11. Jagħmel laqgħat fuq il-post u żjarat kif meħtieġ, qabel, waqt u wara l-korsijiet. Dawn l-appuntamenti jsiru permezz ta' komunikazzjoni remota jew virtwali;

Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01), to support newly arrived Ukrainian families in Malta.

The Ministry for Education, Sport, Youth Research and Innovation notifies that applications are being received from interested persons willing to provide their services on a "Contract for Service" basis as Welcome Course for Families Coordinator under the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS Project (MT/2016/AMIF/4.01) – LLAPSI+ which is part-financed by the Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF).

Applicants will be required to provide up to forty (40) hours of service per month between 1st February, 2023 and 31st May, 2023. Remuneration will be €15.26 (excluding VAT) per hour.

The duties of a Welcome Course for Families Coordinator shall include:

1. Drawing up and processing to publishing the necessary circulars, memos, reports and adverts in connection with the course;

2. Contributing to the development of courses by working closely with the Education Officer and Course Tutors in developing the learning outcomes of the course, resources and assessment tools as needed;

3. Working closely with the Education Officer and Tutors to develop and implement effective approaches to motivate and support learners;

4. Assisting the Migrant Learners' Unit in programme research, implementation and review;

5. Contributing in the recruitment of tutors and procurement of items required for the course;

6. Coordinating availability of venues, virtual spaces, tutors and resources for such courses;

7. Coordinating training for tutors;

8. Planning, formulating and issuing of information for tutors, learners and parents as necessary;

9. Contacting tutors and parents/guardians of learners enrolled for the course as necessary;

10. Liaising with schools and other entities regarding the running of the course;

11. Holding on site meetings and visits as necessary before, during and after the courses. Such appointments may be required to be carried out via remote or virtual communication;

12. Jikkonforma mal-proċeduri stabbiliti tax-xogħol, waqt li jikkontribwixxi għall-iżvilupp kontinwu tal-istess proċeduri;

13. Jaħdem mill-qrib mal-Edukaturi tal-Kors involuti f'korsijiet oħra simili sabiex jidentifika modalitajiet effettivi għal:

a. identifikazzjoni u għajnuna għall-bżonnijiet tal-istudenti,

b. l-iżgurar ta' livell u kwalità tat-tagħlim;

14. Jiġbor, iżomm u jipproċessa r-rekords;

15. Jikteb rapporti, jiġbor u jżomm id-data neċessarja f'konnessjoni mal-kors kif mitlub mill-Awtorità tal-Iffinanzjar;

16. Jikkontribwixxi fl-ipproċessar tal-pagamenti tal-istaff;

17. Iwettaq dmirijiet oħrajn kif assenjati mis-Segretarju Permanenti (MEYR) u/jew ir-rapreżentant tiegħu;

19. Iwettaq dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku, kif mitlub mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

**Kriterji ta' Eliġibbiltà**

L-applikanti għandhom ikunu:

i) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u/jew il-lingwa Ingliża;

ii) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008) fl-Edukazzjoni, Riżorsi Umani, Politika Soċjali, Managment jew/u Amministrazzjoni, jew kwalifika professjonali komparabbli.

iii) fil-pussess ta' Warrant tal-Għalliema validu maħruġ mill-Kunsill tal-Professjoni tal-Għalliema taħt l-artiklu 24(2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

Applikanti eliġibbli jkunu mitluba joqogħdu għal intervista u jippreżentaw iċ-ċertifikati oriġinali meta rikjesti, flimkien ma' Service and Leave Record Form (GP 47) jekk qegħdin fis-Servizz Pubbliku jew ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija jew ekwivalenti maħruġ minn awtorità kompetenti.

Ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' Service and Leave Record Form (GP47) aġġornata, jew ċertifikat ta' kondotta maħruġ mill-Pulizija jew xi awtorità kompetenti oħra sa mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni flimkien ma' ġabra ta' kwalifiki fil-format ta' curriculum vitae għandhom jiġu sottomessi lill-Migrant Learners' Unit,

12. Adhering to established working procedures while contributing to the on-going development of such;

13. Working closely with other Course Educators involved in the delivery of similar courses in order to identify effective modalities for:

a. identifying and meeting the learner's needs,

b. ensuring standardisation and quality of learning;

14. gathering, keeping and processing of records;

15. Writing reports, gathering and keeping the necessary data in connection with the course as required by the Funding Authority;

16. Contributing in the processing of staff costs;

17. Performing any other duties assigned by the Permanent Secretary (MEYR) and/or his representative;

18. Performing any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

**Eligibility Criteria**

Applicants should be:

i) able to communicate in the Maltese and/or English languages;

ii) in possession of a recognised qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Education, Human Resources, Social Policy, Management and/or Administration, or a professional comparable qualification;

iii) in possession of a valid Teacher's Warrant issued by the Council for the Teaching Profession (CTP) under article 24(2) of the Education Act.

Eligible applicants will be required to sit for an interview and are to present their original certificates upon request, together with their Service and Leave Record Form (GP 47) if already in the Public service or a valid Police conduct certificate or equivalent issued by a competent authority.

A covering letter, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47) or a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and a summary of qualifications in the curriculum vitae format are to be submitted to the Migrant Learners' Unit by email to (mlu.

permezz ta' ittra elettronika lil (mlu.meyr@gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022.

Aktar informazzjoni dwar servizzi speċifiċi u kundizzjonijiet, jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (mlu.meyr@gov.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 1584.

Il-25 ta' Novembru, 2022

meyr@gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Wednesday, 14th December, 2022.

Enquiries about specific services required and conditions can be made by email to (mlu.meyr@gov.mt) or by telephone number on 2598 1584.

25th November, 2022

Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni 2014-2020
Dan il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' kofinanzjament: 75% Fondi UE 25% Fondi mill-Benefiċjarju
Ġestjoni Sostenibbli ta' Migrazzjoni

*Asylum, Migration and Integration Fund 2014-2020*
*This project is part-financed by the European Union*
*Co-financing rate: 75% EU Funds 25% Beneficiary Funds*
*Sustainable Management of Migration Flows*

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

**Kuntratt għal Servizz – Liaison Tutor għall-Welcome Course for Families fil-Proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI +**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Welcome Course for Families huwa inizjattiva organizzata mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) permezz tal-proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01) sabiex joffri appoġġ lil familji Ukreni li għadhom kif jaslu Malta.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jilqa' applikazzjonijiet minn persuni interessati li joffru s-servizzi tagħhom fuq bażi ta' 'Kuntratt għal Servizz' bħala Liaison Tutor għall-Welcome Course for Families fil-proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (MT/2016/AMIF/4.01) – LLAPSI+ li huwa parzjalment iffinanzjat mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

L-applikanti jkunu mistennija li jipprovdu sa mija u għoxrin (120) siegħa ta' servizz fix-xahar bejn l-1 ta' Frar, 2023 u l-31 ta' Mejju, 2023. Ir-rimunerazzjoni tkun dik ta' €11.65 (VAT eskluża) fis-siegħa. Ir-rata tinkludi l-preparazzjoni u l-loġistika involuta fil-provediment tas-sessjonijiet.

Id-dmirijiet ta' Liaison Tutor għall-'Welcome Course for Families' jinkludu li:

1. Jgħallem is-suġġett/i assenjat/i taħt il-gwida tal-Migrant Learners' Unit, prinċipalment l-Ingliż u/jew il-Malti bħala lingwa barranija;

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

**Contract for Service – Liaison Tutor For the Welcome Course for Families under the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI+ Project**

*Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender*

The Welcome Course for Families is an initiative organised by the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) through the project Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01) to support newly arrived Ukrainian families in Malta.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation notifies that applications are being received from interested persons willing to provide their services on a 'Contract for Service' basis as Liaison Tutor for the 'Welcome Course for Families' within the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS Project (MT/2016/AMIF/4.01) – LLAPSI+ which is part-financed by the Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF).

Applicants will be required to provide up to one hundred and twenty (120) hours of service per month between 1st February, 2023 and 31st May, 2023. Remuneration will be €11.65 (excluding VAT) per hour. The rate is inclusive of preparation and logistics involved in the delivering the sessions.

The duties of a Liaison Tutor for the Welcome Course for Families shall include:

1. Teaching of the subject/s assigned based on the guidance of the Migrant Learners' Unit, namely English and/or Maltese as a foreign language;

2. Jassisti fl-interpretazzjoni, jittraduċi u jimmedja matul l-implimentazzjoni tal-korsijiet;

3. Jassisti fl-implimentazzjoni tal-programm/i u fir-reviżjoni tal-istess programm/i permezz ta' statistika, rekord tax-xogħol, u informazzjoni oħra mitluba, skont ix-xogħol meħtieġ;

4. Jipparteċipa b'mod attiv f'taħriġ kontinwu u ppjanar organizzat mill-Migrant Learners' Unit fi ħdan id-Direttorat;

5. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-korsijiet billi jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u mal-Kordinatur tal-Kors fl-iżvilupp tal-għanjiet tat-tagħlim tal-kors, tar-riżorsi u tal-għodda ta' assessjar;

6. Jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u mal-Kordinatur tal-Kors sabiex jiġu żviluppati u implimentati mezzi effettivi li jimmotivaw u jgħinu lill-istudenti;

7. Jassisti lill-Migrant Learners' Unit fi programm ta' riċerka, implimentazzjoni u evalwazzjoni;

8. Josserva prattiki tax-xogħol stabbiliti filwaqt li jagħti sehmu fl-iżvilupp kontinwu ta' dawn il-prattiki;

9. Jieħu sehem attiv fil-proċess ta' assessjar kontinwu għall-istudenti u jżomm rekord tax-xogħol professjonali li jkun qiegħed isir;

10. Jaħdem mill-qrib ma' edukaturi oħra tal-kors involuti fit-tagħlim ta' korsijiet simili sabiex jinstabu mezzi effettivi biex:

a. jidentifika u jilħaq il-bżonnijiet tal-istudenti,

b. jassigura standardizzazzjoni u kwalità tat-tagħlim;

11. Jara li l-apparat fl-iskola/ċentru jinżamm fi stat tajjeb (jekk applikabbli);

12. Dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati mis-Segretarju Permanenti (MEYR) u/jew mir-rappreżentant tiegħu/tagħha;

13. Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku, kif mitluba mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

**Kriterji ta' Eliġibbiltà**

L-applikanti għandhom ikunu:

i) kapaċi jikkomunikaw bl-Ingliż jew bil-Malti u bl-Ukren;

2. Assisting in interpreting, translating and mediating during the running of the courses;

3. Assisting in programme implementation and reviews by providing the necessary statistics, record of work and other information requested related to appointed tasks;

4. Actively participating in on-going training and planning opportunities organised by the Migrant Learners' Unit within the Directorate;

